# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 3236/96GV**

Doc. 80-01

**Marsovin Limited**

**vs**

**Joseph Vella u ghal-kull interess li jista' jkollha martu Matilde sive Matty Vella**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Illi b'citazzjoni prezentata fl-14 ta' Novembru, 1996, is-socjeta' attrici premettiet li:-

Illi hija kreditrici tal-konvenuti konjugi Vella fis-somma ta' hamsa u sebghin elf, sebgha mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm75,725.69) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata, kif jidher mill-prospett (Dok. B) flimkien mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni, liema dejn huwa cert, likwidu u dovut;

Fil-fehma tas-socjeta' attrici, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lil Qorti sabiex:-

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma fuq imsemmija ta' hamsa u sebghin elf, sebgha mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm75,725.69) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata, flimkien mal-imghax mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

**NOTA TAL-ECCEZZJONIJIET**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti eccepew li:-

1. Fl-ewwel lok il-'lis alibi pendens' billi hemm proceduri pendenti dwar l-istess meritu quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust u ghalhekk din il-kawza trid tistenna l-esitu tal-pendenza quddiem dik il-kummissjoni;

2. Fit-tieni lok illi l-ammont reklamat ma hux wiehed korrett billi l-ammont se mai dovut huwa inferjuri ghal dak imsemmi fic-citazzjoni;

3. Fit-tielet lok kien hemm diversi kommissjonijiet imwieghda li ma gewx imdahhla fil-kont kurrenti ta' bejn il-partijiet;

4. Fir-raba lok l-attur ikkawza diversi danni lill-konvenut bl-agir alusiv tieghu u dawn ukoll iridu jitnaqqsu mill-kont kurrenti;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**SENTENZA PRELIMINARI (l-ewwel eccezzjoni).**

Illi b'sentenza preliminari tat-3 ta' Lulju, 1997, il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq il-mertu.

**SOTTOMISSJONIJIET TAL-KONVENUTI**

Illi l-konvenuti jissottomettu li l-pretensjonijiet attrici m'humiex impostati korrettement billi r-relazzjoni ezistenti bejn il-partijiet ma kienitx semplicement ta' merkanzija li giet akkwistata u ma gietx imhallsa. Bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' agenzija fejn is-socjeta' attrici kienet il-principal u l-konvenuti kienu l-agenti u ghalhekk ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hija regolata b'dan il-ftehim (a fol. 163 et seq.). Il-konteggi esibiti mis-socjeta' attrici (Dok. B mac-citazzjoni a fol. 5) ma jiehdux l-obbligi assunti mis-socjeta' attrici permezz ta' dan il-ftehim in konsiderazzjoni ghaliex skond il-konvenuti il-kont taghhom kellu jigi akkreditat b'diversi somom li l-istess konvenuti xehedu dwarhom tul l-andament tal-kawza. Il-konvenuti jghidu li s-socjeta' attrici naqset li takkredita l-kont tal-konvenuti bis-segwenti affarijiet:-

(i) Zieda fil-prezzijiet fuq merkanzija gia mibjugha lill-agent;

(ii) Kummissjoni addizzjonali ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) fil-gimgha;

(iii) Bejgh lill-klijenti tal-agent direttament mis-socjeta' attrici jew tramite entitajiet minnha kkontrollati;

(iv) Spejjes u penalitajiet inkorsi mill-impjegati tal-agent billi t-termini tal-konsenji tal-agenzija ma gewx rispettati;

(v) Il-piz tal-gar ta’ l-istock tal-Marsovin;

(i). Dwar iz-zidiet fil-prezz tal-prodotti tas-socjeta' attrici, il-konvenuti jaghmlu riferenza ghall-Artikolu (1) tal-kuntratt ta' Agenzija li jistabbilixxi li l-merkanzija tigi konsenjata lill-agent b'titolu ta' bejgh. Il-konvenuti ghalhekk isostnu li la darba jsir il-bejgh, l-agent isir il-propjetarju tal-oggett minnu akkwistat u l-prassi adoperata mis-socjeta' attrici li zzid il-prezz tal-merkanzija wara li din tkun diga giet akkwistata mill-agent tmur kontra dan il-principju stabbilit mill-ligi. Din il-prassi hija ammessa mis-socjeta' attrici li ssostni permezz ta' Alfred Lupi li dan kien isir sabiex l-agent ma jispekulax fuq il-prodott u ma jkunx jista' jaghmel 'profitt straordinarju'. Lupi jghid ukoll li l-agent ma kienx ihallas ghall-prodott sakemm dan ikun ghadu fil-mahzen tal-agent. Il-konvenuti jghidu li din it-tezi ta' Alfred Lupi ma tikkorrispondix mal-verita' ghaliex l-'invoicing' kien isir b'gimgha lura indipendentement mill-ammont ta' prodott li jkun inbiegh mill-agent. L-agent kien ghalhekk qieghed jigi mitlub ihallas ammont ulterjuri fuq prodott li ma jkunx diga akkwista u l-kuntratt ta' agenzija ma jaghti l-ebda lok ghal dawn iz-zidiet fil-prezz, jghidu l-konvenuti. Dawn ta’ l-ahhar isostnu li l-varjanzi huma ta' diversi eluf ta' liri u ghalhekk huma qed jippretendu li s-somom hekk imhallsa jigu lilhom rifuzi u l-kont akkreditat konsegwenzjalment.

(ii). Fl-1992, meta s-socjeta' attrici introduciet il-birra Lowenbrau fuq is-suq Malti, l-istess socjeta' attrici bdiet takkredita l-kont tal-konvenuti b'mitt lira Maltin (Lm100.00) fil-gimgha, izda fl-1993 is-socjeta' attrici waqfet taghmel dan il-pagament. Hija tiddefinixxi dan il-pagament bhala 'commission ex gratia' li nghata bi ftehim mal-agent u nghata biss ghal sena sabiex ittaffi l-ispejjes li l-agent kien ser jinkorri wara l-introduzzjoni tal-Lowenbrau fuq is-suq Malti. Il-konvenuti jinnegaw li sar ftehim f'dan is-sens u jghidu li l-commission inghatat ghaliex huma kienu ilhom jilmentaw li l-'commission' lilhom moghtija ma kienitx tkopri l-ispejjes tal-agenzija. Il-konvenuti jghidu wkoll li gjaladarba is-socjeta' attrici qed tammetti li l-'commission' ta' mitt lira

Maltin (Lm100.00) inghatat biex ittaffi l-ispejjes li kellu jinkorri l-agent minhabba l-introduzzjoni tal-Lowenbrau, u gjaladarba li l-'forecasts' ghall-bejgha ta' dan il-prodott kienu maghmula mis-socjeta' attrici, u gjaladarba l-introduzzjoni tal-Lowenbrau kienet wahda fallimentari fis-sens li l-livell ta' bejgh kien ferm taht il-livell previst, allura isegwi li l-'commission' ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) fil-gimgha kellha tibqa' tinghata almenu sakemm jintlahaq il-livell ta' bejgh sufficjenti sabiex ihalli livell ta' qliegh lill-agent. Skond il-konvenut din il-'commission' giet terminata unilateralment mis-socjeta' attrici minghajr il-kunsens tieghu u ma jirrizulta minn imkien li huwa accetta li jcedi din il-'commission'. Il-konvenut ghalhekk qed jippretendi li l-kont tieghu jigi akkreditat bil-valur ta' din il-'commission' ghas-snin kollha tal-agenzija.

(iii).Skond il-kuntratt ta' Agenzija bejn il-partijiet, il-konvenut kellu monopolju fuq il-bejgh tal-prodotti tas-socjeta' attrici lil 'retailers' ohra fit-territorju tal-Mellieha u tal-Belt. L-agenzija tal-Belt kienet responsabbli ghall-bejgh tax-xorb tal-Marsovin fuq il-vapuri. Il-konvenut sar jaf li s-socjeta' attrici, tramite sussidjarja taghha, kienet qed tbiegh il-birra lil FE Sullivan & Sons u l-konvenut ipprezenta varji 'invoices' sabiex jissusstanzja t-tezi tieghu (fol. 276 sa 281). Alfred Lupi ghan-nom tas-socjeta' attrici jsostni li Lowenbrau (Malta) Limited m'hijiex marbuta bil-ftehim ta' agenzija bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut, izda f'dan ir-rigward il-konvenut jirrileva li l-'commission' ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) fil-gimgha li ghaliha saret riferenza aktar il-fuq inghatat fir-rigward tal-birra Lowenbrau u inoltre jaghmel riferenza ghall-ittra tal-10 ta' Novembru, 1995 (a fol. 289) mibghuta minn Alfred Lupi lill-konvenuti fejn huwa nfurmahom dwar kambjamenti, liema ittra hija ntitolata "Re: Changes to Stock financing arrangements in respect of products by Marsovin, HH Ltd, Lowenbrau (Malta) Ltd, Anthony Cassar & Son Limited". Il-konvenut jaghmel ukoll riferenza ghax-xhieda bl-affidavit ta' Alfred Lupi (a fol. 184) li qal li fil-bidu kienu jsiru kunsinni lill-vapuri tramite l-agent izda sussegwentement il-kumpanija skopriet li setghet tbiegh dawn il-prodotti direttament bi prezz inqas u ghalhekk m'ghaddithomx aktar tramite l-agent.

(iv). Illi meta l-konvenuti ghalqu l-agenzija huma ftehmu mas-socjeta' attrici terminu li fih kellhom jghalqu n-negozju izda minkejja dan il-ftehim, l-ghada tat-terminazzjoni ta' l-agenzija, ufficjali tas-socjeta' attrici marru fl-imhazen tal-konvenut u ghamlu 'take over' tal-agenzija u tal-istock. Bhala rizultat ta' dan, il-konvenuti nkorrew spejjes u penalitajiet fil-konfronti ta' l-impjegati taghhom u dawn l-ispejjes ukoll kellhom jitnaqqsu mill-kont tal-agent.

(v). Fiz-zmien meta l-konvenut kien agent tas-socjeta' attrici din kienet tiggestixxi n-negozju taghha permezz ta' 'distribution network' tramite l-agenti.

L-agent kien jixtri l-prodott minghand is-socjeta' attrici sabiex imbaghad jerga' jinnegozja l-prodott suppost bi qliegh ghalih ma' 'retailers' fl-'area' tal-agenzija tieghu. Il-konvenut isostni li s-socjeta' attrici kienet taghmel is-'sales targets' taghha u tipproduci x-xorb skond dawn is-'sales targets', liema produzzjoni kienet imbaghad tinbiegh lill-agenti. Il-konvenut jghid li tul l-andament tal-kawza huwa rnexxielu jipprova li l-agenti ma kellhomx il-fakulta' li jaghzlu li jixtru anqas minn dak stabbilit arbitrarjament fis-'sales targets' maghmula mis-socjeta' attrici. L-agent kien jintalab ihallas ghall-merkanzija akkwistata minnu b'dan il-mod kull gimgha b'lura u l-hlas kellu jsir irrispettivament mill-fatt jekk l-agent ikunx irnexxielu jbiegh il-merkanzija o meno.

Illi l-konvenut isostni ukoll li l-oghla rapprezentanti tas-socjeta' attrici ma kienux jafu bic-cert kif tahdem is-sistema u f'dan ir-rigward jiccita dak li qal Alfred Lupi fl-affidavit tieghu a fol. 286 u 287 tal-process fis-sens illi dan ix-xhud jikkonferma li s-socjeta' attrici kienet tiffinanzja l-istocks li l-agent kien izomm fl-imhazen ipprovduti lilu bla hlas mill-kumpanija. Dejjem skond il-konvenut, din il-verzjoni tal-fatti hija kontradetta kemm mix-xhieda tal-konvenut stess, kif ukoll mix-xhieda tal-ex sales manager tas-socjeta' attrici, Peter Schembri, (a fol. 251 u 252), mill-korrispondenza bejn il-partijiet u mill-kunteggji esibiti mill-atturi. Il-konvenut jiccita estratt mill-ittra tad-19

ta' Lulju, 1995 (a fol. 264) li tghid: "It is acknowledged that the substantial sums of money outstanding from your agency's debtors is creating a strain on your cashflow and inhibiting you from settling promptly the amounts due by you weekly to the company. This is a situation which neither the Agency nor the Company is satisfied with. Therefore it has been decided to allow one week more for the settlement of the weekly remittance to the company”, u estratt mill-ittra tal-10 ta' Novembru, 1995 (a. fol. 289) li tikkonferma li s-socjeta' attrici bdiet iggorr l-istocks tal-agenti biss f'Novembru, 1995, u mhux qabel kif qal Alfred Lupi hekk kif citat aktar il-fuq. Ghalhekk kien biss wara ghaxar snin li s-socjeta' attrici bdiet iggorr l-oneru tal-istocks. Il-konvenut ikompli jghid li ghalkemm giet accettata din il-posizzjoni, ma sar l-ebda aggustament tal-bilanc dovut mill-agent fid-data in kwistjoni. Il-konvenut qed jippretendi li l-ispiza li nkorra sabiex jiffinanzja l-istocks qabel Novembru, 1995, kellha tigi rifuza lilu jew almenu akkreditata lil kont tieghu, haga li sallum ma saritx. Sabiex jiffinanzja l-istocks in kwistjoni, il-konvenut jghid li huwa kellu jaghmel 'overdraft' mal-Bank. F'dan ir-rigward il-konvenut ghamel riferenza ghall-istima preliminari ta' kemm swietlu l-iffinanzjar tal-istock (ara nota b'dokumenti a fol. 302 sa 329). Ma' dan l-ammont ghandu jizdied it-telf ta' qliegh li nkorra biex jiffinanzja l-'overdraft' in kwistjoni, liema somma ulterjuri huwa jsostni tista' tigi likwidata mill-Qorti arbitrio boni viri.

Il-konvenuti jikkonkludu n-nota taghhom billi jirrilevaw li l-kunteggi a bazi ta' liema s-socjeta' attrici taghmel it-talba taghha huma zbaljati u dan ghar-ragunijiet tul l-andament tal-kawza u fin-nota ta' sottomissjonijiet. Huwa jinnota li s-socjeta' attrici naqset milli tipproduci l-kontijiet kollha u ghar-ragunijiet gja msemmija huwa ma jistax jaccetta l-'opening balance' kif indikat fil-konteggi ezibiti ghaliex dawn il-konteggi jibdew mis-sena 1991 meta r-relazzjoni ezistenti bejn il-partijiet bdiet ferm qabel. Il-konvenut jirritjeni li dawn il-kontijiet ghandhom jigu ezaminati minn perit nominat ghal dan l-iskop u f'dan ir-rigward izomm ferm it-talba tieghu ghall-hatra ta' Perit komputista. Huwa jaghmel ukoll riferenza ghal kawza ghal danni li huwa ntavola kontra s-socjeta' attrici li wkoll qed tinstema' min din il-Qorti.

**SOTTOMISSJONIJIET TAS-SOCJETA' ATTRICI**

Is-socjeta' attrici ssostni li l-kawza odjerna hiaj wahda semplici ta' kreditu li ghandha s-socjeta' attrici kontra l-konvenuti ghall-prezz ta' merkanzija li l-istess konvenuti nnegozjaw u bieghu nkassaw il-prezz taghha bhala agenti tas-socjeta' attrici u li baqghu ma hallsux taghha lis-socjeta' attrici. Sabiex jaharbu minn dan id-debitu, is-socjeta' attrici tghid li l-konvenuti ivvantaw diversi eccezzjonijiet u kontropretensjonijiet li skond hi huma lkoll manifestament infondati. Is-socjeta' attrici irribattiet punt punt dak li ntqal mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom bil-mod segwenti:

(i) Zieda fil-prezzijiet tal-prodotti tal-Marsovin

Is-socjeta' attrici tghid li m'hemm xejn irregolari fil-ftehim li jipprovdi li jekk id-ditta tgholli l-prezzijiet ghall-konsumatur, l-istocks li jkunu ghandhom ma nbieghux u ghadhom fil-pussess ta' l-agent jigu kalkolati bil-prezz il-gdid. Dan l-arrangjament dejjem gie accettat mill-konvenut u mill-agenti l-ohra. Dan l-arrangamnet kien intiz sabiex l-agent ma jinghatax l-opprtunita' jispekulaw bil-prodott billi jahzen prodott iktar milli jkollu bzonn meta jkun jaf li gejja zieda fil-prezz. Is-socjeta' attrici tissottometti li la dan l-arrangament kien accettabbli mill-bidunett, ma jistghux jilmentaw minnu issa. Inoltre, dan l-arrangament bl-ebda mod ma jbiddel il-fatt li l-prezz dovut irid jithallas u bl-ebda mod ma jvarja l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuti ghaliex l-agent ma giex aggravat b'dan il-ftehim. Kull ma kien jigri huwa li l-agent ma jaghmilx profitt aktar milli miftiehem u skond is-socjeta' attrici jekk il-konvenuti hassew li ma riedux ikomplu b'dan l-arrangement, setghu jirrinunzjaw ghall-agenzija u la m'ghamlux hekk sinjal li l-arrangament kien accettabbli ghalihom.

(ii) Kummissjoni addizzjonali ta' Lm100

Is-socjeta' attrici tat din il-kummissjoni 'ex gratia' u ghal sena wahda biss u hija dejjem ghamlitha cara li l-kummissjoni kienet ser tithallas biss ghal sena wahda u ghalhekk ma tifhimx kif il-konvenuti qed jippretendu li l-kummissjoni zejda ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) kellha tibqa' tithallas. Jekk il-konvenuti ma kienux kuntenti bil-kummissjoni ordinarja li kellhom, dejjem setghu jirrinunzjaw ghall-agenzija izda huma baqghu igedduh minn sena ghal sena. L-argument li l-birra qatt ma qabdet u ghalhekk il-'commission' kellha tibqa' tithallas huwa wiehed tas-suq u mhux legali, tghid is-socjeta' attrici li tghid ukoll li una volta li l-'commission' inghata 'ex gratia' ma kienx hemm bzonn l-accettazzjoni tal-konvenuti sabiex titwaqqaf.

(iii) Bejgh dirett lill-klijenti ta’ l-agent

L-ilment li s-socjeta' attrici bieghet direttament lid-ditta FE Sullivan & Sons hu wiehed vag u effimeru tghid is-socjeta' attrici u dan jirrizulta minn dak li jghidu l-konvenuti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u cioe' "Il-konvenut jissuspetta illi qatt m'hu ser ikun jaf kemm insterqulu 'commissions' f'dan il-mod billi m'ghandux access ghall-kontijiet tal-kumpanija attrici". Jekk lanqas hu stess ma jaf kemm sofra, jekk sofra, kif jista' l-konvenut jippretendi li l-Qorti tidhol fil-kwistjoni. Jekk kellu bazi fondat u bazat f'dan ir-rigward, il-konvenut messu ghamel kontrotalba kontra s-socjeta' attrici fejn allura kien ikun irid jipprova dak li qed isostni bi precizjoni. Dan m'gahmlux u ghalhekk ma jistax jippretendi li per via d'eccezzione il-Qorti tillikwidalu telf immaginarju li seta' sofra.

(iv) Spejjes u penalitajiet inkorsi mill-impjegati

It-terminazzjoni tal-agenzija saret skond il-ftehim u skond il-ligi u s-socjeta' attrici kellha kull interess u kull dritt li minnufih tiehu kontroll ta’ l-agenzija sabiex tassikura l-kontinwita' tas-servizz u sabiex tigi kristalizzata l-kwistjoni ta’ l-istocks f'idejn il-konvenuti. L-obbligi li l-konvenuti seta' kellhom ma’ l-impjegati taghhom hija haga nterna bejniethom u bl-ebda mod ma timpingi fuq ir-relazzjoni bejn il-konvenuti u s-socjeta' attrici. L-istess socjeta' attrici

terga' tirribatti li la ma saritx kontrotalba, il-Qorti ma tistax tillikwida xi kumpens pretiz mill-konvenuti anqas u anqas tikkumpensa ammont mhux cert, likwidu u dovut pretiz mill-konvenuti ma' ammont cert, likwidu u skadut li qed jintalab mis-socjeta' attrici.

(v) Il-piz tal-garr ta’ l-istock

Is-socjeta' attrici ssostni li l-pretensjoni tal-konvenuti f'dan ir-rigward hija mibnija fuq bazi inveritiera ghaliex il-konvenuti qatt ma gew imgieghla jiehdu xoghol li ma kienx jinbiegh u infatti meta kien hemm xi stocks zejda f'xi agenzija, is-socjeta' attrici kienet titlob hi stess lill-agent jikkonsenjalha lura dawn l-istocks u hija kienet tikkreditalu l-kont bil-prezz shih li bih ikun xtara dan l-istock minghandha. Is-socjeta' attrici tkompli tghid li ghalkemm ikun hemm 'annual forecasts' fil-bidu tas-sena ghall-finijiet ta’ produzzjoni, is-socjeta attrici kienet timxi fuq it-‘trend factor’ (cioe dak li kien jinbiegh fl-erba’ gimghat ta’ qabel), l-ebda agent qatt ma gie mgieghel jiehu ‘stocks’ minghand is-socjeta attrici li ma kienx hemm il-bejgh potenzjali taghhom fil-futur immedjat. Is-socjeta attrici pprecizat ukoll li l-‘commission’ kienet tigi akkreditata fil-kont tal-agent mal-istess konsenja li ssirlu.

Is-socjeta attrici tghid li m’huwiex minnu li l-konvenuti kellhom jidhlu ghal ‘overdraft’ sabiex jiffinanzjaw l-‘istocks’. L-‘overdraft’ li kellhom il-konvenuti mal-bank kien gej minn meta huma kienu joperaw is-supermarket u ghalhekk qabel ma bdew l-agenzija mas-socjeta attrici. Li jidher li gara kien li l-konvenuti dawwru l-profitti mill-operazzjoni tal-agenzija biex jissaldaw dan l-‘overdraft’, u dan jispjega ghaliex issa huma m’humiex f’posizzjoni li jhallsu l-prezz tal-merkanzija li bieghu u nkassaw il-prezz taghha.

Is-socjeta attrici tissottometti li l-Qorti ma tistax tillikwida ammonti illikwidi, la ‘arbitruo boni viri’, u lanqas mhux ‘arbitruo boni viri’ favur il-konvenuti fl-assenza ta’ kontro-talba. Lanqas ma tista’ tikkumpensa ammonti *ex admisses* illikwidi kif qed jitolbu l-konvenuti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom. It-talba ghal-hatra ta’ perit komputista hija bla bazi guridika

ghaliex il-kontijiet li kienu jintbaghtu lill-konvenuti kienu jinhargu fuq bazi regolari u ghal snin shah qatt ma gew ikkontestati mill-istess konvenuti. Kien biss waqt il-kawza li dawn tal-ahhar hassew il-htiega li jezaminaw il-passat tal-kontabilita'. Tissottometti is-socjeta attrici li tghid ukoll li ladarba f'din il-kawza ma saritx kontro-talba u l-kontijiet tas-socjeta attrici jidhru li huma regolari, non sta ghall-Qorti li tintilef f'likwidazzjoni ta' pretensjonijiet illikwidi biex tikkumpensa jew tirriduci t-talba attrici, u dan ghaliex ma jistax isir kumpens ma' ammont cert, likwidu u skadut fuq ammont illikwidu, incert u certament mhux skadut.

**KONSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZZJONIJIET**

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-merkanzija li taghha qed titlob il-prezz is-socjeta attrici effettivament giet konsenjata lill-konvenuti. Lanqas ma jidher li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li r-relazzjoni guridika ta' bejn il-partijiet hija regolata b'kuntratt ta' agenzija fejn is-socjeta attrici kienet il-principal u l-konvenuti kienu l-agenti.

L-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma fis-sens li l-ammont mitlub fic-citazzjoni m'huwiex korrett. Huma jsostnu li l-ammont se mai dovut huwa ferm anqas u dan ghal zewg ragunijiet. L-ewwel raguni hija dik kontenuta fil-tielet eccezzjoni fejn il-konvenuti jallegaw li kien hemm diversi kummissjonijiet imweghda li ma gewx imdahhla fil-kont korrenti ta' bejn il-partijiet, u t-tieni raguni hija dik kontenuta fir-raba' eccezzjoni fejn il-konvenuti jallegaw li s-socjeta attrici ikkawzatilhom diversi danni bl-agir abusiv taghha u dawn ukoll iridu jitnaqqsu mill-kont korrenti ta' bejn il-partijiet.

Tielet eccezzjoni

Illi in kwantu jirrigwarda t-tielet eccezzjoni jrid jinghad li l-konvenuti ma ressqu ebda prova sabiex jissostanzjaw din l-eccezzjoni. Huma ma gabu ebda prova li tindika li kienu dovuti xi 'commissions' ohra oltre l-ammont ta'

Lm9,729.65, li huwa indikat fl-istatement prezentat mis-socjeta attrici mac-citazzjoni (a fol. 5 tal-process). In vista tal-fatt li dan l-ammont gie debitament imnaqqas mill-ammont dovut lis-socjeta attrici mill-konvenuti bhala prezz ta' merkanzija kkonsenjata lilhom, u ghalhekk mill-ammont ta' Lm75,725.69 mitlub mis-socjeta attrici jirrizulta li gie mnaqqas kwalsiasi ammont dovut lill-konvenuti bhala 'commissions'.

Ghalhekk it-tielet eccezzjoni ma tistax tintlaqa'.

Raba' eccezzjoni

Illi l-provi mressqa mill-konvenuti tul l-andament tal-kawza jirrigwardaw principalment danni allegatament kawzati lill-konvenuti mis-socjeta attrici minhabba agir li l-istess konvenuti jiddefinixxu bhala abusiv. Il-konvenuti jsostnu li s-socjeta attrici irrekatilhom danni tul il-kors ta' l-agenzija li ghandhom jigu mnaqqsa mill-ammont dovut minnhom lis-socjeta attrici bhala prezz tal-merkanzija kkonsenjata u dawn id-danni skond il-konvenuti huma dawk ikkawzati lilhom minhabba per ezempju zieda fil-prezzijiet fuq merkanzija gja mibjugha lilhom; danni kkawzati meta wara sena giet imwaqqfa l-kummissjoni ta' Lm100 fil-gimgha li nghatat lill-konvenuti bejn l-1992 u l-1993; danni kkawzati minhabba li sussidjarja tas-socjeta attrici bieghet merkanzija direttament lil klijenti tal-konvenuti biex b'hekk dawn ta' l-ahhar tilfu l-'commission' relattiva u diversi affarijiet ohra li saret ampja riferenza ghalihom fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Illi dawn id-danni skond il-konvenuti gew rekati lilhom mis-socjeta attrici tul l-andament tal-agenzija izda jrid jigi nnutat li tul is-snin huma qatt ma nterpellaw lis-socjeta attrici sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni ta' dawn id-danni jew kif sottomess mis-socjeta attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-konvenuti ma tterminawx l-agenzija minhabba dan l-allegat agir abusiv, anzi komplew jirrinovaw minn sena ghal sena. Hafna mill-affarijiet li l-konvenuti qed jilmentaw minnhom kienu jezistu mill-bidu nett tar-relazzjoni

kontrattwali bejniethom u dejjem gew accettati minnhom, bhal per ezempju iz-zieda fil-prezzijiet fuq merkanzija gia mibjugha lill-agent.

Il-konvenut semma li hu u l-atturi kienu thaddtu fit-tul fuq id-dettalji u modalitajiet tal-kuntratt izda l-kuntratt proprju rah biss meta ffirmah. Hu qal li fih kien hemm klawsoli li dwarhom ma kienux thaddtu xejn u ohrajn li ma kienux jirrispekkjaw il-ftehim milhuq. Kien hemm klawsoli ohra li kienu vagi. Il-Qorti tirrileva li kien l-obbligu tal-konvenuti li ma jiffirmaw ebda kuntratt jekk huma ma jaqblux mal-kontenut tieghu u mhux jiffirmaw u esegwixxu l-kuntratt ghal diversi snin imbaghad jilmentaw li kondizzjonijiet ma kienux gusti u li kienu qed jaghmlu t-telf.

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici jirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' merkanzija li l-konvenuti bieghu u diga dahhlu l-flus taghha bhala agenti tas-socjeta attrici u baqghu ma hallsux taghha lis-socjeta attrici.

Illi inoltre jrid jigi rilevat li d-danni reklamati mill-konvenuti m'humiex likwidati u l-konvenuti ma pprezentaw ebda kontro-talba fejn talbu l-likwidazzjoni tad-danni minnhom sofferti u l-konsegwenti talba ghall-kundanna ghall-hlas mis-socjeta attrici tad-danni hekk likwidati. Il-konvenuti qed jippretendu li l-Qorti tillikwida l-allegati danni sofferti minnhom ghaliex huma resqu eccezzjoni f'dan is-sens.

Illi s-socjeta attrici gustament tissottmetti li l-pretensjonijiet tal-konvenuti ma jistghux jitressqu per via d'eccezione minghajr ma ssir kontro-talba fejn il-Qorti tintalab tillikwida dawn id-danni. Il-Qorti ma tistax tillikwida danni meta m'hemmx talba f'dan is-sens. Lanqas ma tista' l-Qorti takkorda kumpens f'assenza ta' kontro-talba ma' ammont li huwa cert, likwidu u dovut bhal dak mitlub mis-socjeta attrici fuq ammont illikwidu kif qed jippretendu l-konvenuti.

Ghalhekk lanqas dina l-eccezzjoni ma tista' tintlaqa.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi billi, prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm75,725.69. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax mid-data tac-citazzjoni.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**